Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 11 ta' Ġunju 2024**
**(OR. en)**

**10779/24**

**SOC 431**
**EMPL 249**
**ECOFIN 649**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali<br>- *Approvazzjoni* |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż il-Prinċipji gwida volontarji msemmija hawn fuq, bil-ħsieb li jiġu approvati fil-Kunsill EPSCO fl-20 ta' Ġunju 2024.

**Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali**

## 1. Introduzzjoni

Ir-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali huma essenzjali għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell nazzjonali, u biex jappoġġaw il-konverġenza soċjali 'l fuq u jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-tkabbir inklużiv u l-kompetittività tal-UE, inkluż billi jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li jiffaċċaw it-tibdil demografiku u jindirizzaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Il-kejl tal-effetti tar-riformi u l-investimenti jirrikjedi għodod analitiċi solidi, data xierqa u metodoloġiji robusti. F'dan ir-rigward, u bl-għan li jappoġġa l-kapaċità amministrattiva tal-Istati Membri, fil-11 ta' Marzu 2024 il-Kunsill (EPSCO) approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-prijoritajiet ta' politika futuri għall-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li kienet tinkludi l-proposta biex jiġu żviluppati prinċipji gwida u standards għall-Istati Membri tal-UE għall-użu volontarju.[1]

B'kont meħud tad-diskussjonijiet li saru f'dawn l-aħħar xhur, il-prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE huma ppreżentati fl-Anness 1 ta' din in-nota. Dawn il-prinċipji gwida jistgħu jappoġġaw lill-Istati Membri fl-evalwazzjoni ta' kif ir-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, filwaqt li titqies in-natura volontarja tagħhom. Wara illustrazzjoni qasira tal-mezzi possibbli ta' trażmissjoni li permezz tagħhom jistgħu jimmaterjalizzaw dawn l-effetti ekonomiċi, il-prinċipji gwida huma dettaljati, bl-għan li jinbena fehim komuni għall-użu volontarju mill-Istati Membri dwar:

---

[1] Ara l-Paragrafu 17 tal-Opinjoni tal-EMCO-KPS dwar il-prijoritajiet futuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, approvata mill-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2024.

- Approċċi metodoloġiċi li l-Istati Membri jistgħu jużaw biex jivvalutaw tali effetti ekonomiċi;
- L-indikaturi disponibbli u l-iżvilupp ulterjuri possibbli tagħhom;
- Arranġamenti statistiċi xierqa, inkluż fir-rigward tal-aċċess għad-data; u
- L-aħjar prattiki dwar it-trasparenza u t-tixrid.

Dawn il-prinċipji gwida kollha għall-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu aġġornati u rieżaminati fuq bażi regolari, filwaqt li jitqiesu bħala ta' natura volontarja.

## 2. Effetti ekonomiċi possibbli tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali: mezzi ta' trażmissjoni

L-effetti diretti tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku jistgħu jimmaterjalizzaw permezz ta' diversi mezzi, bħat-tisħiħ tal-kapital uman, potenzjal ogħla ta' innovazzjoni u kapaċità tal-assorbiment, u aktar impjiegi. Dawn l-effetti jistgħu jissarrfu wkoll fi ffrankar futur tar-riżorsi pubbliċi (eż. permezz ta' inqas qgħad u inattività, u nfiq aktar baxx relatat fuq il-benefiċċji soċjali) kif ukoll dħul ogħla mit-taxxa (minn bażi tat-taxxa akbar permezz ta' aktar impjiegi), b'effett ta' benefiċċju potenzjali fuq il-finanzi pubbliċi u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema ta' protezzjoni soċjali (minbarra l-impatt dirett iġġenerat minn PDG ogħla) meta l-effetti ta' benefiċċju jegħlbu l-kostijiet.

F'dan ir-rigward, id-diskussjonijiet fl-EMCO u l-KPS[2] enfasizzaw li l-politiki ġenerali bbażati fuq l-evidenza bħat-tisħiħ tal-ħiliet, iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-prevenzjoni tal-esklużjoni soċjali għandhom potenzjal għoli li jappoġġaw tkabbir ekonomiku aktar b'saħħtu u aktar inklużiv u jgħollu l-livelli ta' produttività, anke fil-kuntest tat-tibdil demografiku, u huma kruċjali biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali. Jista' jirriżulta impatt pożittiv mill-indirizzar tan-nuqqas ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u mill-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-impjiegi, u t-twessigħ tal-provvista ta' ħaddiema.

[2] Ara l-Paragrafu 6 tal-Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar il-valur miżjud tal-investiment soċjali u r-rwol tal-filière tal-Kunsill EPSCO fil-governanza tas-Semestru Ewropew, approvata mill-Kunsill fit-28 ta' Novembru 2023.

Il-formazzjoni tal-ħiliet tista' twassal għal titjib tal-istokk u l-kwalità tal-kapital uman u għalhekk hija fost il-muturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku[3]. Kemm l-investimenti kif ukoll ir-riformi fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità jistgħu jrawmu t-tkabbir ekonomiku[4] u l-produttività, anke billi jiżguraw tlaqqigħ aħjar bejn id-domanda u l-provvista tal-ħiliet[5]. Miżuri li jappoġġaw l-aċċess għal edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli jista' jkollhom effetti pożittivi sinifikanti[6], inkluż billi jipprovdu bażi soda għal aktar tagħlim aktar tard fil-ħajja, filwaqt li jappoġġaw l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u permezz ta' parteċipazzjoni akbar tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol. It-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta, inkluż fid-dawl tal-mitigazzjoni tan-nuqqas ta' ħiliet u t-tħejjija għat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika[7], jistgħu jagħtu impatt pożittiv fuq il-produttività u t-tkabbir[8]. B'mod partikolari, il-programmi ta' taħriġ ġenerali jistgħu jgħinu biex jitlaqqgħu aħjar id-domanda u l-provvista tal-ħiliet, speċjalment wara d-dħul fis-suq tax-xogħol, u programmi ta' taħriġ vokazzjonali (iċċertifikati) (ibbażati fuq il-post tax-xogħol jew ikkombinati mal-iskola) jistgħu jkunu effettivi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol.

---

[3] Barro, Sala-I-Martin, 2003.

[4] L-impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku huwa rreġistrat minkejja l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw minn xi wħud minn dawn il-miżuri (Gemell, Kneller, Sanz, 2016) u l-effetti pożittivi posposti possibbli (Card, Kluve, Weber, 2018).

[5] Kummissjoni Ewropea, 2022a; Thum-Thysen, Vandeplas, 2019; Kummissjoni Ewropea, 2019.

[6] Carneiro, Heckman, 2003.

[7] Ara ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika 2022/C 243/04.

[8] Sekmokas et. al., 2020; OECD, 2020; Card, Kluve, Weber, 2018.

Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) li jiffunzjonaw tajjeb u b'mod effettiv, il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) u l-miżuri li jappoġġaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol jistgħu jsaħħu t-tkabbir ekonomiku billi jżidu l-effiċjenza tas-suq tax-xogħol, jiffaċilitaw id-dħul u t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jtaffu wkoll in-nuqqas ta' tlaqqigħ ta' ħiliet u n-nuqqasijiet tagħhom[9]. Xi studji juru li ALMPs imfassla tajjeb jistgħu jkunu kosteffettivi fit-tul, u xi wħud jistgħu jiffinanzjaw lilhom infushom[10]. Il-miżuri li huma rilevanti f'dan ir-rigward jinkludu, pereżempju, dawk relatati mal-forniment ta' programmi ta' taħriġ u appoġġ effettiv għal dawk li qed ifittxu impjieg, inċentivi għall-impjiegi u tbassir tal-ħiliet, u servizzi integrati tal-impjiegi u soċjali, kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tagħhom[11]. It-tneħħija tad-diżinċentivi għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, permezz ta' tfassil aħjar tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji (eż. tnaqqis tal-porzjon ta' taxxa, b'mod partikolari għal dawk li jaqilgħu paga baxxa, mingħajr ma tiġi mfixkla t-tranżizzjoni lejn impjiegi b'paga ogħla u bidla fit-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol), kif ukoll billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u adattati sew (inkluż fir-rigward ta' gruppi speċifiċi bħal ħaddiema akbar fl-età jew persuni b'diżabilità) tista' tipprovdi wkoll effetti f'termini ta' tkabbir ekonomiku akbar permezz ta' żieda fil-provvista ta' ħaddiema. L-investimenti u r-riformi fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) biex in-nies jinżammu f'saħħithom jista' jkollhom ukoll impatti pożittivi fuq l-attività ekonomika. Fl-aħħar nett, ir-riformi li jnaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jistgħu jappoġġaw it-tkabbir tal-produttività fit-tul billi jinternalizzaw l-ispejjeż soċjali tas-sensji u jżidu l-inċentivi għall-kumpaniji biex jadottaw prattiki tax-xogħol aktar produttivi u għall-impjegati biex jinvestu f'taħriġ relatat max-xogħol[12].

9 Pissarides, 2010.
10 Brown, Koettl, 2012.
11 Ekkehard, Merola, Reljic, 2022.
12 OECD, 2018.

Il-forniment ta' servizzi ta' kura ta' kwalità u affordabbli (indukrar tat-tfal u kura fit-tul) għandu rwol importanti fit-trawwim tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, li jista' jkollu impatt ukoll fuq it-tkabbir ekonomiku. Servizzi ta' kura ta' kwalità jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-iżvilupp tat-tfal u l-benesseri u d-dinjità tar-riċevituri tal-kura, jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-ħolqien tal-impjiegi. Xi riċerka reċenti[13] turi li l-investimenti fil-kura jistgħu jiġġeneraw kontribuzzjonijiet addizzjonali tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali minn impjiegi maħluqa kif ukoll minn żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol[14]. Politiki ta' inklużjoni attiva mfassla tajjeb li jikkombinaw l-impjiegi u s-servizzi soċjali jistgħu ikunu kruċjali wkoll biex jappoġġaw tranżizzjonijiet ogħla għall-impjiegi. It-tisħiħ tal-kura għal pazjenti ta' barra u primarja, il-bidla mill-kura fl-isptar, u l-iżgurar ta' koordinazzjoni u integrazzjoni ġenerali aħjar tal-kura jistgħu jippermettu titjib fl-effiċjenza u ffrankar, u b'hekk jibbenefikaw il-finanzi pubbliċi, filwaqt li jtejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-servizzi.

13 Rapport tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) – Care at work – Investing in care leave and services for a more gender equal world of work, 2022.

14 B'mod ġenerali, id-dħul mit-taxxa minn żieda fl-introjtu u fl-impjiegi jiżdied, u dan inaqqas ir-rekwiżit ta' finanzjament totali tal-miżuri tal-politika dwar l-kura minn 3 fil-mija tal-PDG (qabel it-taxxi) għal 2 fil-mija netti tal-PDG (wara t-taxxi). Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). 2022. Simulatur tal-Investiment tal-Politika tal-Kura tal-ILO (Ġinevra, għad irid joħroġ).

Minkejja avvanzi metodoloġiċi reċenti, l-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tal-investimenti u r-riformi speċifiċi għall-pajjiż tkompli tippreżenta sfidi li għandhom jiġu indirizzati aktar, u li għalihom dawn il-prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għandhom jispiraw l-aħjar prattiki. Sfidi bħal dawn huma relatati mal-interazzjoni bejn il-karatteristiċi tat-tfassil tal-politika u varjabbli oħra li jinfluwenzaw effetti ekonomiċi bħal dawn, inkluż l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, kif ukoll l-impatti murija fuq orizzonti ta' żmien differenti (miżuri itwal għall-edukazzjoni, pereżempju, kontra miżuri li jrawmu direttament provvista akbar ta' ħaddiema). L-effetti tar-riformi u l-investimentis jiddependu fuq it-tipi ta' miżuri ta' politika inkwistjoni u t-tfassil tagħhom iżda wkoll fuq karatteristiċi kuntestwali (f'termini ta' ħin u post), kif ukoll interventi politiċi simultanji oħra, li għandhom jitqiesu. Is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn miżuri ta' politika differenti kif ukoll is-sekwenzjar tal-politiki jaffettwaw ukoll ir-ritorni u għandhom jiġu kkunsidrati b'mod importanti[15].

15 Eż., ġenituri ta' tfal f'kuntesti bi sforzi ogħla tal-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ġeneralment jinstabu li huma aktar probabbli li jsibu u jżommu impjieg, iżda din il-probabbiltà hija sostanzjalment ogħla f'livelli aktar għoljin ta' sforzi nazzjonali tal-ALMP. Studju kkummissjonat mill-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE dalwaqt ser ikun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Istitut Universitarju Ewropew. L-istudju tħejja minn Anton Hemerijck, Brian Burgoon, Daniel Fernandes, Annika Lehmus-Sun, Ilze Plavgo, u Heta Poylio.

**ANNESS 1**

**Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali**

***1.1 Approċċi metodoloġiċi u tekniki ta' mmudellar sodi***

Hemm bżonn li l-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tiddependi fuq diversi approċċi metodoloġiċi u kontrolli tar-robustezza, skont id-data disponibbli, il-kwistjoni inkwistjoni u l-kumplessità tal-valutazzjoni li tiġi kkunsidrata[16]. Diversi tekniki jippermettu l-identifikazzjoni, il-kwantifikazzjoni u l-valutazzjoni kemm tal-kostijiet kif ukoll tal-benefiċċji marbuta ma' suq tax-xogħol, ħiliet, jew investiment jew riforma soċjali partikolari fil-livell mikro u makro. Filwaqt li l-valutazzjoni tal-kostijiet diretti tista' tkun relattivament aktar sempliċi f'termini ta' nfiq, il-valutazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji għandhom kemm jista' jkun iqisu l-mezzi ta' trażmissjoni ewlenin possibbli, speċifikament f'termini ta' effetti fuq il-PDG, l-impjiegi u l-produttività (b'impatti relatati fuq il-finanzi pubbliċi), jiġifieri permezz ta' mudell teoretiku li jispjega r-relazzjoni bejn l-investimenti u r-riformi u l-effetti ekonomiċi tagħhom. Tali mudelli teoretiċi għandhom jinkorporaw ukoll effetti ta' feedback addizzjonali possibbli, effetti ta' mġiba, kif ukoll, b'mod aktar ġenerali, implikazzjonijiet makroekonomiċi possibbli (pereżempju relatati mal-impatt makroekonomiku tal-metodi ta' finanzjament ikkunsidrati, bħal żidiet fit-taxxi vs iffrankar fuq l-infiq). Barra minn hekk, approċċi metodoloġiċi li jagħtu għarfien dwar il-bidliet fl-istat jew fl-imġiba fil-livell individwali jistgħu jinfurmaw kif tali bidliet jinxterdu fis-sistema. Barra minn hekk, xi wħud mill-effetti mhumiex neċessarjament direttament ta' natura monetarja (jew il-monetizzazzjoni tagħhom mhijiex faċilment possibbli), għalkemm jista' jkollhom impatt ekonomiku, u xi wħud huma possibbli biss li jiġu kkwantifikati fit-tul.

---

[16] Ara pereżempju Kummissjoni Ewropea, Al-Ajlani, H., Bubbico, A., Campana, C. et al., *Study on assessment of micro and macro-economic returns of social protection expenditure – Final Report,* l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024.

L-approċċi metodoloġiċi li jistgħu jintużaw biex jiġu vvalutati l-effetti tar-riformi u l-investimenti jvarjaw minn analiżijiet mikro sa makro, valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet ex ante, ta' nofs it-terminu u ex post. L-għażla tal-approċċ metodoloġiku tiddependi fuq diversi fatturi, bħal jekk il-valutazzjoni hijiex ex ante jew ex post, it-tip ta' miżura u t-tfassil tagħha, l-effetti ewlenin ta' interess kif ukoll id-data disponibbli. Kull approċċ jippreżenta vantaġġi u limitazzjonijiet li jeħtieġ li jitqiesu skont il-każ. It-tabella ta' hawn taħt tenfasizza l-metodi ewlenin li huma disponibbli[17], li jikkombinaw tekniki ta' evalwazzjoni ex ante u ex post flimkien ma' valutazzjonijiet fil-livell mikro (bħal mikrosimulazzjonijiet, metodi sperimentali u kważi sperimentali) u dawk fil-livell makro (bħal metodi bbażati fuq ir-rigressjoni ex post, kif ukoll immudellar mikro-makro). Fost l-approċċi aktar orizzontali, l-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji (CBA) jippruvaw iqisu l-kostijiet u speċjalment il-benefiċċji f'termini monetarji[18]. Huwa offrut approċċ komplementari mill-Valutazzjonijiet tal-Impatti Distributtivi(DIA), li jinvolvu valutazzjoni tal-impatt fuq l-introjtu ta' gruppi differenti u jippermettu wkoll li ssir distinzjoni relattivament faċli bejn ir-redditi privati għar-riformi u l-investimenti (tipikament f'termini ta' introjtu ogħla tal-unitajiet domestiċi) u r-redditi pubbliċi (tipikament f'termini ta' dħul pubbliku ogħla u nfiq aktar baxx). Id-diversi metodi huma ġeneralment intensivi f'termini ta' rekwiżiti tad-data biex jiġu elaborati xi stimi (granulari), kif ukoll il-kumplessità tal-approċċ metodoloġiku teħtieġ li titqies fid-diversi mezzi ta' trażmissjoni u t-twaqqit tal-impatt[19].

---

[17] Il-vantaġġi u l-limitazzjonijiet tal-metodi ewlenin disponibbli jinsabu fl-anness.

[18] Xi wħud mill-effetti tipikament ma jkollhomx valur monetarju, minkejja li għadu jiġi ġġenerat impatt ekonomiku.

[19] Bħal permezz ta' esperimenti attwali jew diversi tipi ta' stimi jew immudellar ex ante jew ex post, jew b'mod aktar ġenerali stimi mil-letteratura akkademika.

**Tabella. 1 Tipoloġija tal-metodi ewlenin disponibbli għall-valutazzjoni tal-effetti tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali**

| | **Ex-ante** | **Ex-post** |
|---|---|---|
| **Livell mikro** | Mudelli ta' mikrosimulazzjoni, provi kontrollati aleatorji u metodi kważi sperimentali (jekk implimentati bħala piloti) | Metodi kważi sperimentali (Tqabbil tal-Punteġġ tal-Propensità, differenza fid-differenzi, disinn tad-diskontinwità tar-rigressjoni), provi kontrollati aleatorji, analiżi tad-data lonġitudinali u tal-pannelli (bl-użu ta' stħarriġ jew data amministrattiva) |
| **Livell makro** | Mudellar makroekonomiku (inklużi matriċi ta' kontabbiltà soċjali jew mudelli ta' ekwilibriju ġenerali) | Evalwazzjoni ex post (ta' makrovarjabbli, inkluż permezz ta' mudelli ta' rigressjoni u analiżi tal-fruntieri) |
| **It-tnejn li huma** | Analiżi tal-Ispejjeż Imqabbla mal-Benefiċċji, Analiżi tal-Kosteffettività, Analiżi ta' Deċiżjonijiet b'Diversi Kriterji, Valutazzjoni tal-Impatti Distributtivi | |

Sors: Nota tal-Presidenza għal-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Marzu bil-parteċipazzjoni tal-Ministri għall-Impjiegi u l-Politika Soċjali.

Barra minn hekk, l-għażla tal-perjodu ta' żmien tal-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi għandha tqis b'mod espliċitu t-twaqqit possibbli tal-impatti mistennija, peress li xi riformi u investimenti jista' jkollhom effetti li jimmaterjalizzaw diġà fuq perjodu qasir sa medju, filwaqt li għal oħrajn l-effetti jsiru viżibbli biss fit-tul. Dan jista' jirrikjedi wkoll l-użu ta' tipi differenti ta' tekniki ta' mmudellar, fejn rilevanti, biex jinqabdu l-effetti fuq perjodi ta' żmien differenti. Il-kunsiderazzjoni tat-twaqqit tal-effetti mistennija hija naturalment aktar importanti biex jiġi evitat li jintlaħqu konklużjonijiet qarrieqa mill-immudellar (fuq il-linji li ċertu riforma jew investiment ma jwassalx għal effetti ekonomiċi sinifikanti sempliċiment minħabba li l-perjodu ta' żmien tal-analiżi mhuwiex imfassal kif suppost).

Filwaqt li l-ebda mudell ma jista' jqis dawn l-elementi kollha f'daqqa, huwa importanti li l-għażliet tas-suppożizzjonijiet u l-approċċi metodoloġiċi (eventwalment użati b'mod komplementari) ikunu bbażati fuq analiżi infurmata tal-vantaġġi u l-iżvantaġġ. Il-valutazzjoni kwantitattiva għandha tkun akkumpanjata wkoll minn diskussjoni aktar kwalitattiva tar-riżultati miksuba, li tqis is-suppożizzjonijiet magħmula u telabora wkoll fuq il-kuntest speċifiku tal-implimentazzjoni tal-miżura ta' politika (bħal, pereżempju, parametri użati li jistgħu jkunu speċifiċi wkoll għall-kuntest).

***L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:***

- L-għażla ta' metodoloġija robusta u trasparenti għall-valutazzjoni tal-effetti tar-riformi u l-investimenti fuq bażi infurmata u possibbilment il-kombinazzjoni ta' approċċi metodoloġiċi sodi differenti għall-kontroverifika u l-kwalifikazzjoni tar-riżultati;

- L-iżvilupp ulterjuri tal-approċċ metodoloġiku billi wieħed jibbaża fuq tekniki aktar avvanzati (eż. li jinkorporaw reazzjonijiet ta' mġiba u/jew feedback loops makroekonomiċi) u l-għażla tat-twaqqit tal-evalwazzjoni sabiex jittieħed kont tat-twaqqit li matulu l-effetti huma mistennija li jimmaterjalizzaw (relatati ma' impatti fuq terminu qasir, medju u twil);

- L-ikkomplementar tal-analiżi kwantitattiva b'analiżi tas-sensittività dwar il-parametri ewlenin kif ukoll b'analiżi kwalitattiva (eż. li tqis is-suppożizzjonijiet li saru fl-analiżi u għall-kuntest speċifiku).

## *1.2 Twaqqit rilevanti għat-twettiq tal-evalwazzjoni*

Il-valutazzjoni tal-effetti tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali għandha titwettaq kemm qabel kif ukoll wara l-implimentazzjoni tal-miżura ta' politika rilevanti. It-tħejjija ta' valutazzjoni tal-impatt ex ante, jiġifieri, matul it-tfassil tal-investimenti u r-riformi, hija partikolarment importanti biex jitkejlu l-effetti tal-politiki ppjanati u tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika. L-analiżijiet ta' wara l-implimentazzjoni jippermettu li jiġi evalwat l-impatt tal-investimenti u tar-riformi għal ċertu perjodu ta' żmien wara li tkun ġiet implimentata l-miżura. Dan jista' jgħin biex jiġu żviluppati passi jew korrezzjonijiet ulterjuri potenzjali. Analiżijiet kredibbli ta' wara l-implimentazzjoni jgħinu b'mod importanti biex jiġu żgurati s-sjieda u l-kwalità ta' aktar tfassil ta' politika. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġu inkorporati pjanijiet għal evalwazzjonijiet affidabbli diġà matul il-fażi tat-tfassil ta' intervent, b'mod partikolari meta jintużaw metodi sperimentali bħal provi ta' kontroll aleatorji li jistgħu joperaw simultanjament mal-implimentazzjoni ta' intervent. Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet ta' *nofs it-terminu* jistgħu jikkontribwixxu għall-kalibrazzjoni tal-interventi, speċjalment meta jkunu mistennija li jagħtu riżultati fit-tul.

Il-perjodu ta' żmien għall-valutazzjoni tal-effetti tar-riformi u l-investimenti għandu, teoretikament, metodoloġikament kif ukoll fattibbilment mil-lat ta' data, iqis iż-żmien meħtieġ biex il-miżura ta' politika turi l-effetti tagħha. Idealment, il-valutazzjoni għandha tiffoka fuq l-impatt tal-miżuri ta' politika fuq l-eżiti kemm matul l-implimentazzjoni (jew ftit wara, eż., fis-sena ta' wara) kif ukoll fit-tul (eż., l-adozzjoni ta' perspettiva pluriennali kif rilevanti). Valutazzjoni ta' nofs it-terminu hija importanti wkoll biex tippermetti identifikazzjoni bikrija ta' difetti potenzjali li għandhom jiġu kkoreġuti matul il-fażi ta' implimentazzjoni. Fl-istess ħin, xi politiki għandhom impatt fuq perjodu ta' żmien itwal (bħall-impatt tal-kura tat-tfal fuq l-iżvilupp tat-tfal) jew jista' ma jkollhomx impatt kbir ħafna fi kwalunkwe sena waħda, iżda impatti ogħla b'mod kumulattiv (bħall-prevenzjoni fil-kura tas-saħħa). F'dawn il-każijiet, il-valutazzjoni tista' tirrikjedi perspettiva aktar fit-tul biex jitqies l-impatt sħiħ tal-miżura ta' politika li tkun qed tiġi evalwata. L-adozzjoni ta' perspettiva pluriennali tista' tkun utli wkoll meta l-miżuri jkunu relatati ma' xejriet fit-tul bħat-tibdil demografiku (pereżempju relatati ma' riformi tal-kura fit-tul).

*L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:*

- Twettiq b'mod sistematiku ta' valutazzjonijiet ex ante tal-effetti waqt it-tfassil u qabel l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika rilevanti;

- Twettiq b'mod sistematiku ta' evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u ex post matul u wara l-implimentazzjoni, sabiex jipprovdu feedback għall-iżvilupp tal-politika;

- Adozzjoni ta' perspettiva pluriennali għall-politiki li għalihom l-effett sħiħ huwa mistenni li jimmaterjalizza fuq perjodu ta' żmien itwal u distinzjoni bejn kostijiet/benefiċċji ta' darba u rikorrenti.

### *1.3 Kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki fl-approċċ metodoloġiku*

Il-komplementarjetajiet tal-politika jistgħu jimmanifestaw ruħhom bħala rinforzi reċiproċi ta' eżiti mixtieqa, inkluż f'termini ta' effetti ekonomiċi. F'dan ir-rigward, pereżempju, ir-riformi u l-investimenti u l-politiki tal-protezzjoni soċjali jaqdu funzjonijiet ta' politika komplementari, li għandhom jitqiesu kemm jista' jkun fl-evalwazzjoni tal-politika[20]. Pereżempju, l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) ta' kwalità għolja jistgħu jikkontribwixxu għal kisbiet fl-edukazzjoni għolja, u fl-aħħar mill-aħħar jirriżultaw f'impjiegi ta' kwalità ogħla u aktar produttivi, u b'hekk jikkomplementaw il-politiki diretti tas-suq tax-xogħol. Evidenza reċenti turi wkoll pereżempju li filwaqt li l-isforzi tal-ALMP fil-livell nazzjonali huma ġeneralment assoċjati b'mod pożittiv ma' rati ogħla ta' impjieg, il-probabbiltà li wieħed jiġi impjegat għandha t-tendenza li tiżdied b'mod sinifikanti skont l-isforzi nazzjonali fil-qasam tal-provvista pubblika tal-ECEC, li tippermetti li l-impjiegi jiġu kkombinati mad-dmirijiet tal-familja. Barra minn hekk, it-tisħiħ tal-politiki tal-ECEC jista' jkollu effett pożittiv aktar b'saħħtu fuq l-impjiegi meta jkun akkumpanjat minn aktar appoġġ permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol[21].

---

[20] Ara Hemerijck, Anton, Stefano Ronchi, u Ilze Plavgo. "Social investment as a conceptual framework for analysing well-being returns and reforms in 21st century welfare states." Socio-Economic Review 21.1 (2023): 479-500.

[21] Ara pereżempju Hemerijck et al. (għadu ġej).

Hija prattika tajba li jiġu evalwati kemm jista' jkun l-effetti ta' miżura ta' politika speċifika filwaqt li jitqiesu wkoll l-interazzjonijiet ma' politiki relatati oħra (f'kooperazzjoni bejn l-oqsma settorjali differenti li huma responsabbli għall-miżuri/għall-politika), sabiex jitqiesu l-interazzjonijiet possibbli bħal dawn, filwaqt li jitqiesu wkoll il-perjodi ta' żmien possibbilment differenti biex jimmaterjalizzaw l-effetti tal-miżuri differenti. Dan huwa aktar u aktar importanti fil-kuntest tal-proċess baġitarju annwali, li fih diversi politiki spiss jiġu deċiżi bħala pakkett.

***L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:***

- Analiżi ta' kemm l-impatt ta' miżuri ta' politika individwali kif ukoll, jekk possibbli, tal-effetti kkombinati ta' politiki relatati;
- Kunsiderazzjoni tat-taħlita ta' politiki ġenerali biex jiġu mmassimizzati l-effetti pożittivi u jiġi mminimizzat r-riskju ta' effetti negattivi ta' miżuri ta' politika individwali;
- Teħid kont ta' perjodi ta' żmien differenti tal-effetti ta' politiki differenti iżda komplementari.

### *1.4 L-użu ta' indikaturi u żviluppi ulterjuri possibbli*

L-użu ta' metrika soda u, fejn possibbli, komuni jippermetti li jitqabblu aħjar ir-riżultati u jiġu vvalutati l-impatti ta' miżuri ta' politika ġodda jew proposti. Għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti, il-valutazzjoni għandha tkejjel l-impatt fuq it-tkabbir tal-PDG, permezz tal-produttività u l-impjiegi.

Il-miżuri ta' politika għandhom fl-istess ħin jiġu evalwati fir-rigward tal-eżiti rilevanti tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali (pereżempju, il-qgħad, l-inattività, it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, l-introjtu tal-unitajiet domestiċi, l-inugwaljanzi fl-introjtu, il-pagi kif rilevanti għall-miżura speċifika inkwistjoni), sabiex tiġi vvalutata fl-istess ħin l-prestazzjoni tagħhom fil-kisba tal-objettivi soċjali. Il-biċċa l-kbira ta' dawn id-dimensjonijiet huma relatati ma' indikaturi li diġà jintużaw bħala parti minn għodod ta' monitoraġġ u għodod analitiċi stabbiliti sew fis-Semestru Ewropew għall-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali inkorporat fihom. Dawn huma b'mod partikolari t-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, kif ukoll il-Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (QEK) usa' żviluppat mill-EMCO u l-KPS.

Madankollu, l-indikaturi eżistenti mhux dejjem jistgħu jkunu biżżejjed biex jivvalutaw l-impatti tas-suq tax-xogħol, il-ħiliet u l-politiki soċjali minħabba li jistgħu ma jkunux speċifiċi/granulari biżżejjed, jew jonqsu milli jaqbdu l-effetti ewlenin tal-politika, jew milli jindirizzaw kwistjonijiet emerġenti. F'dawn il-każijiet, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati indikaturi ġodda speċifiċi għall-programmi u li tinġabar data dwar il-parteċipanti biex jiġi vvalutat kif xieraq l-impatt ta' programm ġdid. B'mod ġenerali, meta jkun possibbli, il-metriċi użati biex jiġi vvalutat l-impatt tal-miżuri għandhom jikkontribwixxu għal mudelli makroekonometriċi li jistgħu jsarrfu l-eżiti (eż., l-iżviluppi mistennija fil-pagi, it-tkabbir fl-impjiegi, iż-żidiet fis-sigħat medji maħduma, eċċ.) fi tkabbir tal-PDG.

B'mod ġenerali, jista' jkun utli wkoll li jiġi vvalutat l-impatt tar-riformi u l-investimenti fuq gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni differenzjati pereżempju skont l-età, il-ġeneru, l-istatus tas-suq tax-xogħol, il-livell edukattiv milħuq, u l-livelli ta' introjtu jew it-tip ta' unità domestika (bħal unitajiet domestiċi fl-età tax-xogħol, unitajiet domestiċi bit-tfal u mingħajrhom, adulti waħedhom, u koppji). Analiżijiet oħra, bħal dawk li jiffukaw fuq persuni bi sfond ta' migrazzjoni, persuni b'diżabilità jew kwalunkwe grupp żvantaġġat ieħor, kif ukoll gruppi differenzjati skont il-grad ta' urbanizzazzjoni jew reġjun, jistgħu jkunu rilevanti, skont il-mandat tal-miżura ta' politika li għandha tiġi vvalutata.

***L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:***

- Preżentazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti f'termini ta' impatt fuq it-tkabbir tal-PDG, flimkien mal-impatt tagħhom fuq l-indikaturi ewlenin rilevanti tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali; kemm jista' jkun, preżentazzjoni tar-riżultati dwar l-eżiti tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali mqassma skont il-gruppi rilevanti (l-età, il-ġeneru, gruppi soċjoekonomiċi speċifiċi);

- L-indikaturi użati għandhom ikunu definiti b'mod ċar u marbuta mill-qrib mal-għanijiet tar-riforma jew tal-investiment; sa fejn ikun possibbli, dawn għandhom jissodisfaw ukoll kriterji oħra ta' kwalità, bħal li jkunu lesti għall-użu, aċċessibbli u trasparenti, f'waqthom u robusti;

- L-indikaturi għandhom, kemm jista' jkun, ikunu jistgħu jintużaw bħala inputs għal mudelli ta' simulazzjoni makroekonomika;

- Speċifikazzjoni tal-frekwenza tal-forniment tad-data;

- Assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet ċari għall-ġestjoni, il-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar u l-valutazzjoni tal-kwalità tad-data; żgurar tas-solidità u l-affidabbiltà tal-metodi u l-istrumenti proposti għall-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar u l-validazzjoni tad-data.

### *1.5 Arranġamenti statistiċi u aċċess għad-data għal evalwazzjonijiet ex ante u ex post sodi*

Sabiex jiġu vvalutati l-effetti tar-riformi u l-investimenti fil-qasam tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politiki soċjali, l-aċċess għal data ta' kwalità, robusta u f'waqtha huwa kruċjali. Il-possibbiltà, il-preċiżjoni u l-kwalità tar-riżultati pprovduti mid-diversi għodod ta' valutazzjoni disponibbli (kemm jekk huma makro kif ukoll mikro, ex ante jew ex post) tabilħaqq jiddependu ħafna mid-data disponibbli. Id-data għandha rwol kruċjali fl-iżvilupp, l-aġġornament u l-użu ta' metodi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Minn naħa waħda, id-data tal-istħarriġ ġeneralment toffri kopertura estensiva tal-unitajiet domestiċi, il-kompożizzjoni tagħhom, u l-karatteristiċi soċjoekonomiċi u tippermetti l-inklużjoni ta' informazzjoni speċifika, minbarra l-iżgurar tal-komparabbiltà bejn il-pajjiżi meta ssir referenza għal stħarriġiet madwar l-UE kollha (LFS, UE-SILC). Madankollu, dawn normalment ikunu disponibbli b'intervall latenti, jista' jkollhom daqsijiet żgħar ta' kampjuni u għalhekk ma jirrappreżentawx għalkollox aspetti li jħallu impatt fuq il-popolazzjoni fit-truf tad-distribuzzjoni tal-introjtu kif ukoll fuq gruppi jew reġjuni minoritarji oħra lil hinn mil-livell NUTS II.

Id-data amministrattiva, min-naħa l-oħra, hija relattivament kosteffettiva peress li tinġabar regolarment mill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Dawn jgħinu biex jitnaqqsu l-iżbalji tal-kejl, jipprovdu kopertura komprensiva tal-popolazzjoni, u jistgħu jaqbdu d-distribuzzjoni sħiħa tal-introjtu b'mod effettiv. Meta jkun meħtieġ, dawn jippermettu kampjuni akbar, li jippermettu analiżi ta' kategoriji iżgħar tal-popolazzjoni u miżuri ta' politika aktar dettaljati. Madankollu, spiss ikollhom kopertura limitata tal-bottom tail u jistgħu joħolqu sfidi fl-identifikazzjoni tal-unitajiet domestiċi u l-karatteristiċi tagħhom. Barra minn hekk, ġeneralment jinġabru għal skop amministrattiv u jista' ma jkollhomx informazzjoni kruċjali biex iwettqu analiżi metodoloġikament u teoretikament soda. Xi drabi jkun hemm ukoll il-ħtieġa li jinkisbu ftehimiet/approvazzjonijiet bejn istituzzjonijiet differenti sabiex jaċċessaw id-data tagħhom.

Sabiex tinkiseb analiżi komprensiva tal-impatti, huwa imperattiv li jintuża kampjun imdaqqas u rappreżentattiv li jinkludi l-komponenti kollha meħtieġa tal-politiki li qed jiġu eżaminati. Għal dan l-għan, il-kombinament tad-data tal-istħarriġ u dik amministrattiva għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-politika spiss tkun l-aħjar soluzzjoni. B'mod partikolari, huwa essenzjali li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ qafas li jiffaċilita l-aċċess għad-data amministrattiva.

***L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:***

- Kull fejn ikun possibbli, l-użu ta' statistika armonizzata tal-UE disponibbli permezz tal-EUROSTAT;

- Skont l-approċċ ta' evalwazzjoni magħżul kif ukoll l-impatt li għandu jiġi vvalutat, id-data tal-istħarriġ u d-data amministrattiva, kif ukoll sorsi ta' data amministrattiva differenti għandhom jiġu kkunsidrati u kkombinati kif meħtieġ;

- Stabbiliment ta' approċċ sod għall-aċċess għad-data, speċjalment id-data amministrattiva, filwaqt li l-istabbiliment tal-istandards għall-użu tagħha huwa essenzjali biex jiġu ffaċilitati valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kwantitattivi sinifikanti tal-politika;

- Meta tintuża data personali għall-evalwazzjonijiet, żgurar tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data[22];

– Stabbiliment ta' oqfsa istituzzjonali u proċeduri standard biex tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni tad-data mal-evalwaturi u r-riċerkaturi, inkluż bil-ħsieb li tkun tista' ssir ir-replikazzjoni tal-analiżijiet tal-evalwazzjoni;

– Żgurar tal-interoperabbiltà tas-sistemi tal-IT fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi; żgurar li d-data dwar identifikatur uniku (eż. kodiċi personali; kodiċi tas-sigurtà soċjali) tinġabar biex id-data tkun tista' tintrabat ma' bażijiet tad-data oħra.

---

[22] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Il-GDPR jiddikjara li kwalunkwe pproċessar ta' data personali jeħtieġ bażi legali valida, li tindika sitt każijiet possibbli (l-Artikolu 6(1)). Fost dawn, "obbligu legali" jew "interess pubbliku" jidhru li huma partikolarment xierqa għal skopijiet ta' evalwazzjoni. Dawn il-bażijiet legali għandhom jiġu stabbiliti fil-liġi. Il-GDPR jippermetti wkoll il-possibbiltà li d-data eżistenti tintuża mill-ġdid fuq il-bażi ġuridika oriġinali jekk l-użu mill-ġdid ikun kompatibbli mal-iskop oriġinali tal-ipproċessar ta' din id-data amministrattiva (l-Artikolu 6(4) tal-GDPR).

### *1.6 Riżultati tanġibbli possibbli u trasparenza/disseminazzjoni*

Ir-riżultati għandhom jippermettu d-distillazzjoni tal-messaġġ ewlieni u jikkomunikaw l-impatt fuq l-indikaturi ekonomiċi u soċjali ewlenin. Strateġija ta' tixrid għandha takkumpanja l-valutazzjoni tal-effetti tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali. Din tista' tgħin biex jiġi identifikat il-format għat-tixrid (bħal rapport qasir li jippreżenta r-riżultati ewlenin u l-approċċ użat għall-valutazzjoni), il-mument xieraq għat-tixrid (bħal dak assoċjat mas-sena baġitarja), biex tiġi identifikata l-udjenza (dawk li jfasslu l-politika, l-akkademiċi, il-media, is-sħab soċjali, u l-NGOs) u biex jiġi organizzat il-proċess b'mod trasparenti.

Huwa utli wkoll li jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' xi kontrolli u standards tal-kwalità biex tiġi appoġġata l-kredibbiltà tal-proċess. Dan jista' jinkiseb billi tiġi pprovduta deskrizzjoni ċara tal-approċċ użat fir-riżultati tanġibbli, inkluż possibbilment suppożizzjonijiet, kif ukoll xenarji bażi u alternattivi u billi tiġi spjegata kwalunkwe differenza fir-riżultati. Barra minn hekk, l-approċċ jista' jissaħħaħ billi jiġu żgurati rieżamijiet esperti indipendenti.

***L-elementi ewlenin f'dan il-prinċipju gwida jinkludu dawn li ġejjin:***

- Żvilupp ta' strateġija ta' tixrid tar-riżultati ewlenin;

- Tixrid pubbliku tar-riżultati ewlenin, anke f'forma simplifikata għall-udjenza usa';

- Stabbiliment tal-kredibbiltà billi tiġi żgurata t-trasparenza dwar l-approċċ metodoloġiku użat, ir-rieżamijiet esperti indipendenti fejn possibbli, u l-evalwazzjonijiet ex post.

**Tabella fil-qosor tal-prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali**

| Elementi | Livell 1 – Essenzjali | Livell 2 – Żviluppat | Livell 3 – Avvanzat |
|---|---|---|---|
| **1. Approċċi metodoloġiċi u tekniki ta' mmudellar** | Valutazzjonijiet tal-impatt ex ante biex jinqabdu r-redditi ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti permezz tal-effetti fuq l-impjiegi u l-produttività (pereżempju permezz ta' mmudellar sempliċi li jesplora korrelazzjonijiet, eż. mudelli ta' rigressjoni sempliċi, u Valutazzjonijiet tal-Impatt Distribuzzjonali, DIA). | Valutazzjonijiet ex ante u ex post biex jinqabdu r-redditi ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti soċjali permezz ta' mmudellar aktar kumpless (inkluż pereżempju DIA jew mudelli makroekonomiċi), li kemm jista' jkun jinkorporaw pereżempju feedback loop, risponsi komportamentali, effetti indiretti fuq id-domanda/il-provvista tas-suq tax-xogħol, u impatti fuq il-finanzjament. | Valutazzjonijiet ex ante tar-redditi ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti soċjali permezz ta' mudelli makroekonomiċi kumplessi; evalwazzjonijiet tal-impatt ex post permezz ta' metodi kontrofattwali (eż. differenza fid-differenzi, tqabbil tal-punteġġ tal-propensità, disinn tad-diskontinwità tar-rigressjoni) jew metodi sperimentali (eż. Provi kontrollati aleatorji) li jinvolvu effetti kawżali u jistgħu jiġu kkombinati wkoll mad-DIA. CBA kumplessa (eż. eżiti soċjali monetarizzati, esternalitajiet negattivi).<br><br>Evalwazzjonijiet in itinere/ta' nofs it-terminu kkunsidrati wkoll għal riformi u programmi ta' nfiq aktar fit-tul biex jippermettu feedback ta' politika xieraq matul il-proċess. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2. Perjodu ta' żmien tal-evalwazzjoni tar-redditi ekonomiċi** | Il-perjodu ta' żmien tal-evalwazzjoni mfassal skont it-twaqqit li fih l-impatti ***diretti*** tal-miżura ta' politika eżaminata huma mistennija li jimmaterjalizzaw, permezz tal-impjiegi u l-produttività. | Il-perjodu ta' żmien tal-evalwazzjoni mfassal biex iqis ukoll l-impatti fit-tul tal-miżura ta' politika eżaminata, filwaqt li jitqiesu wkoll l-effetti indiretti possibbli permezz tal-immudellar ta' feedback loops sempliċi u effetti indiretti. | Il-perjodu ta' żmien tal-evalwazzjoni mfassal biex iqis ukoll ir-redditi ekonomiċi fit-tul tal-miżura ta' politika eżaminata, filwaqt li jitqiesu wkoll l-effetti indiretti possibbli permezz tal-immudellar ta' feedback loops kumplessi, effetti indiretti u komportamentali. |
| **3. Kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u l-komplementarjetajiet fl-approċċ metodoloġiku** | | Evalwazzjoni u valutazzjoni speċifiċi tal-interazzjonijiet ewlenin bejn il-miżuri ta' politika permezz ta' mmudellar aktar sempliċi. | Interazzjonijiet integrati bis-sħiħ fil-miżuri ta' politika f'mudellar aktar kumpless. |
| **4. L-użu ta' indikaturi u żviluppi ulterjuri possibbli** | Impatt tal-miżura ta' politika eżaminata vvalutat fuq l-indikaturi aggregati ewlenin u d-diżaggregazzjonijiet ewlenin. | Impatt tal-miżura ta' politika eżaminata vvalutat b'mod addizzjonali fir-rigward tad-diżaggregazzjonijiet disponibbli rilevanti kollha. | Elementi addizzjonali pprovduti dwar l-impatt tal-miżura ta' politika eżaminata fuq in-nefqa u d-dħul pubbliku.<br><br>Impatti oħra relatati mal-politika jew l-investiment ikkunsidrati, possibbilment ukoll ibbażati fuq data amministrattiva u possibbilment ikkomplementati minn statistika sperimentali. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **5.** **Arranġamenti statistiċi u aċċess għad-data** | Dipendenza fuq data bbażata fuq stħarriġ (kemm fil-livell mikro kif ukoll f'dak aggregat). | Dipendenza fuq id-data tal-istħarriġ u data amministrattiva (mhux neċessarjament ikkombinata). Żgurar tal-użu ta' data amministrattiva (eż. aċċess bejn l-amministrazzjonijiet għal data amministrattiva għal skopijiet ta' evalwazzjoni) f'konformità sħiħa mal-GDPR. | Kombinazzjoni ta' data tal-istħarriġ u data amministrattiva kif meħtieġ (eż. permezz ta' tekniki ta' tqabbil).<br><br>Interoperabbiltà tas-sistemi tad-data bejn l-amministrazzjonijiet u l-aċċess għad-data amministrattiva, f'konformità sħiħa mal-GDPR. |
| **6.** **Riżultati tanġibbli possibbli u trasparenza/disseminazzjoni** | Riżultati ewlenin tal-valutazzjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku. | Riżultati ewlenin tal-valutazzjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku (fil-livell aggregat), akkumpanjati minn rieżami ta' esperti indipendenti.<br><br>Użu ta' repożitorji biex jinħażnu r-riżultati disponibbli skont it-tema, ir-reġjun, eċċ. | Pjan ta' tixrid ibbażat fuq kalendarju ppjanat f'konformità maċ-ċiklu ta' politika, bir-riżultati ewlenin tal-valutazzjoni jsiru disponibbli għall-pubbliku (fil-livell aggregat).<br><br>Dipendenza fuq rieżami ta' esperti indipendenti u annessi metodoloġiċi li jippermettu replikazzjoni tal-analiżi (eż. possibbilment b'data fittizja).<br><br>Użu ta' pjattaformi interattivi biex jiġu ppreżentati r-riżultati skont it-tema, ir-reġjun, eċċ. |